TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**In the Consumer Claims Tribunal**

Eucaristico Farrugia

vs

Solar Engineering Ltd

CCT G7/18/MS

6 ta' Settembru 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent pprezentat fis-26 ta Gunju 2018 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €1,665 - kwantu ghal €1,500 prezz ta' *solar water heater* gdid u kwantu ghal €165.00 spejjes tal-geyser li r-rikorrent kellu jixtri; alternattivament li jinbidel it-tank tas-solar heater minghajr l-ebda hlas u jithallsu biss l-ispejjes tal-geyser li r-rikorrent kellu jixtri biex jinqeda sakemm tirranga l-kwistjoni tas-*solar water heater*.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata pprezentata fit-23 ta' Lulju 2018 fejn irrifjutat it-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u qalet illi kien ir-rikorrent li naqas illi jsegwi l-istruzzjonijiet dwar il-*maintenance* u dan iwassal sabiex tigi annullata l-garanzija; minghajr pregudizzju l-kumpanija kienet lesta li tbiddel il-*boiler*, basta li r-rikorrent ihallas xi mizati relatati. Pero, din l-offerta ma gietx accettata min-naha tar-rikorrent.

Ra l-atti kollha tal-process

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrent xtara *solar heater* f'April tat-2010 li gie stallat f'Lulju tal-istess sena. Saru tlett services fuq dan it-tank. F'April 2018 ir-rikorrent intebah bl-ilma hiereg mis-sistema u wara li cempel lill-kumpanija intimata, dawn baghtu *techinician* biex jara l-problema x'kienet u wara diversi verifiki, r-rikorrent gie nfurmat li t-*tank* kellu bzonn jinbidel u li dan kien jiswa €250.00. Peress illi l-garanzija kienet ghadha ma skadietx, it-rikorrent ippretenda illi t-tank kellu jinbidel minghajr ebda hlas. Sadanittant peress illi l-

probema ma gietx rizolta mal-ewwel, ir-rikorrent kellu jixtri geyser ghal prezz ta' €165.00 biex ikollu mishun fit-tank. Ghalhekk qed jippretendi illi t-tank jinbidel bla ebda hlas u l-ispejjes tal-geyser li kellu jixtri, jigu rifuzi. Fin-nuqqas, it-rikorrent qed jitlob il-prezz ta' *solar weater heater* gdid flimkien mal-ispejjes tal-geyser.

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi s-*solar heater* ( Helional Solar Water Heater) inxtara minghand il-kumpanija intimata fis-sena 2010 ghal prezz ta' €1,450. Dan il-*water heater* gie stallat fit-2 ta' Lulju 2010, b'garanzija ta' ghaxar snin fuq il-collectors u t-tank tal-ilma u hames snin fuq il-komponenti elettrici. L-ewwel service sar sentejn u tlett xhur wara - fit-3 ta' Ottubru 2012. It-tieni service sar fit-2 ta' Ottubru 2014 u t-tielet wahda sar fit-18 ta' Awwissu 2016. Sena u tmien xhur wara, u cjoe' fid-9 ta' April 2018, xi hadd mill-kumpanija gie jaghmel *inspection* wara li sar l-ilment mir-rikorrent illi t-tank kien qieghed jiskula l-ilma. It-technician/ kumpanija waslu ghal konkluzjoni li t-tank kellu jinbidel a spejjes tal-klijent (rikorrent).

Ikkunsidra

Mhemmx dubju li t-tank mertu tal-kwistjoni gratlu hsara fit-terminu tal-garanzija , pero' il-kumpanija intimata qieghda tirrifjuta illi tbiddel it-tank bla hlas peress illi wara l-installazjoni ir-rikorrent halla sentejn u tlett xhur ighaddu qabel ma ghamel l-ewwel service. Minhabba dawk it-tlett xhur, il-kumpanija konvenuta qieghda tallega li l-garanzija giet negata.

Bir-rispett it-Tribunal ma jaqbilx ma' dan l-argument. Imkien ma hemm miktub fil-kundizzjoni tal-bejgh/ garanzija illi dan it-terminu ta' sentejn huwa perjodu ta' dekadenza. Anzi, il-kliem ezatt li jintuza ripetutament "servicing is recommended every two years". Dan ifisser kwindi illi jekk is-*service* isir bejn wiehed u iehor wara sentejn, allura l-garanzija xorta tibqa tapplika. Tlett xhur qabel jew wara t-terminu ta' sentejn huwa fl-ambitu ta' dak li huwa rageonevoli ghal xoghol ta' manutenzjoni. Fil-fatt it-tielet service sar xahrejn qabel ma skada t-terminu ta' sentejn. Is-sistema baqghet tiffunzjona tul dan il-perjodu kollu u fl-ebda hin ir-rikorrent ma gie infurmat li l-garanzija kienet negata minhabba xi trapass ta' zmien zejjed. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent agixxa skond it-termini tal-bejgh/garanzija u t-tank kellu jkun kopert bil-garanzija meta gratlu xi hsara f'April 2018. Konsegwentement ir-rikorrent kellu dritt illi jiehu tank bla hlas.

Rigward il-geyser li r-rikorrent kellu jixtri biex jinqeda sakemm titranga din il-kwistjoni, filwaqt li t-Tribunal jifhem l-urgenza taghha ma jidhirlux li r-rikorrent ghandu jkun kompensat ta' dan. Dan ghaliex ir-rikorrent uza l-geyser u dan ser jibqa' fil-pussess tieghu, altrimenti ir-rikorrent ser ikun b'vantagg ta' arrikament ingust bi hlas ta' geyser li wara kollox dejjem kien ser jibqa' fil-pusess tieghu. Ghall-istess raguni it-Tribunal ihoss li r-rikorrent mhuwiex intitolat ghal sistema gdida.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' intimata li fiz-zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza tbiddel it-tank tas-*solar heating* in kwistjoni minghajr ebda hlas jew spejjes ghar-rikorrent.
Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri. Av.
Arbitru